**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Frar, 2018

Rikors Guramentat numru : 194/15 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi, li *in forza* tiegħu, wara li ppremettiet :

1. Illi fit-23 ta' Gunju 2006, minn relazzjoni li kellhom il-partijiet twieled tifel – L D B, kif jirrizulta mic-certifikat ss u mmarkat Dok A;
2. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet tkissret. Tul is-snin, l-interess li l-konvenut wera f'ibnu kien wiehed sporadiku u inkonsistenti ghall-ahjar u dan kien u ghadu ta' pregudizzju ghall-minuri L, partikolarment minhabba li jbaghti mill-kundizzjoni ta' dyspraxia u awtizmu;

3. Illi l-konvenut ihallas biss is-somma ta' €60 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, liema somma certament mhijiex adegwata ghall-bzonnijiet tal-minuri L;
4. Illi minhabba zvillup fic-cirkostanzi tal-esponenti u tal-familja taghha, jista' jkun hemm il-htiega li hija tmur tghix l-Inghilterra;
5. Illi peress illi minn twelidu, kienet dejjem l-esponenti li kellha l-kura u kustodja de facto tal-minuri L, huwa certament fl-interess tal-minuri li huwa jibqa' fil-kura u kustodja tal-esponenti u jibqa' jghix maghha anki jekk hija titrasferixxi r-residenza taghha gewwa l-Inghilterra;
6. Illi ghaldaqstant jehtieg li jigu regolati l-kura u l-kustodja, inkluz il-jedd li l-esponenti tiehu lill-minuri L l-Inghilterra u tistabilixxi r-residenza tieghu fl-istess pajjiz;
7. Illi jehtieg inoltre illi jigi regolat l-access tal-konvenut ghall-minuri L, liema access ghandu jkun taht supervizzjoni;
8. Illi jehtieg inoltre illi jigi ffissat manteniment adegwat ghall-minuri L  D B u li l-konvenut jigi ordnat ihallas l-istess somma lill-esponenti;
9. Illi minkejja li saru laqghat ta' medjazzjoni, il-partijiet ma waslux ghal ftehim u l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu b'kawza quddiem din il-Qorti;
10. Illi l-esponent taf b'dawn il-fatti personlment;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri L  D B esklussivament f'idejn l-attrici;
2. Tawtorizza lill-attrici titrasferixxi r-residenza ordinarja tal-minuri L  D B lejn l-Inghilterra;
3. Tirregola l-access tal-konvenut ghall-minuri L fl-ahjar interess tal-istess minuri;
4. Tiffissa l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici, ghall-minuri L u tordna lill-konvenut ihallas l-istess somma lill-attrici;
5. Taghti kull provvediment li jidhrilha xierqa fl-ahjar interess tal-minuri L;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa : fol 24

1. Illi l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors guramentat tar-rikorrenti nhar is-7 ta' Jannar, 2016, u in ottemperament maz-zmien stipulat skont il-Ligi qieghed jipprezenta bir-rispett l-umli risposta tieghu;

2. Illi l-intimat jikkonferma li minn relazzjoni intima li huwa u r-rikorrenti kellhom twieled il-minuri L D B nhar it-23 ta' Gunju, 2006;

3. Illi l-intimat jikkontesta bil-qawwa l-allegazzjoni tar-rikorrenti fejn tenniet li l-interess li l-intimat ghandu f'ibnu huwa wiehed sporadiku u nkonsistententi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' din il-kawza;

4. Illi l-intimat sa minn dejjem involva ruhu fit-trobbija tal-minuri, biss biss il-partijiet ghamlu snin jghixu bhala familja taht l-istess saqaf u meta ntemmet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet fejn l-intimat mar jirresjedi ghal rasu, il-kuntatt li huwa kellu mal-minuri kien wiehed kostanti dan dejjem tenut ic-cirkostanzi stante' tfixkil da parti tar-rikorrenti li ppruvat minn kollox biex tallontana lil minuri milli jibni relazzjoni mal-intimat, dan kif ser jigi spjegat waqt is-smiegh ta' din il-kawza;

5. Illi huwa l-agir tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimat li fixkel ir-relazzjoni li l-intimat xtaq li jibni ma' ibnu, dan stante' li r-rikorrenti taghmel minn kollox sabiex il-minuri ma jkollux kuntatt ma' missieru;

6. Illi l-intimat ghamel diversi tentattivi sabiex jasal fi ftehim bonarju mar-rikorrenti dwar l-aspetti kollha li jikkoncernaw it-trobbija u l-ghejxien tal-minuri, izda kull tentattiv li ttanta

jaghmel dejjem sfuma fix-xejn u dan minhabba l-atteggjament negattiv ghal kull talba u proposta li l-intimat ressaq;

7. Illi l-intimat ma' jaqbilx mal-ewwel talba tar-rikorrenti cioe' dik li l-kura u l-kustodja tal-minuri L D B tkun fdata esklussivament lir-rikorrenti dan ghal diversi ragunijiet kif ser jigi spjegat tul il-kors tas-smiegh ta' dan il-kaz;

8. Illi l-intimat joggezzjona bil-qawwa ghat-tieni talba attrici;

9. Illi u minghajr pregudizzju ghal oggezzjoni tal-intimat ghat-tieni talba tar-rikorrenti cioe' dik li r-rikorrenti flimkien mal-minuri jistabilixxu r-residenza ordinarja tal-minuri L D B gewwa l-Ingilterra, ir-rikorrenti ghandha tissostanzja t-talba taghha bi provi u tiggarantixxi akkomodazzjoni, ghejxien decenti, edukazzjoni u l-attenzjoni kollha mehtiega dan minhabba r-raguni medika tal-minuri u kull garanzija ohra rigwardanti l-aqwa u l-ahjar interess tal-minuri;

10. Illi l-intimat jaqbel li dina l-Onorabbli Qorti ghanda tirregola l-access versu ibnu pero' mhux taht supervizzjoni dan stante' li ma' tezizti ebda raguni ghalfejn l-access ghandu jsir taht sorveljanza, se mai ir-rikorrenti ghandha tissostanzja r-raguni taghha ghal din it-talba u ggib provi biex jikkonfermaw ir-raguni taghha;

11. Illi u minghajr pregudizzju ghal kontestazzjoni ghat-tieni talba tar-rikorrenti, jekk ikun il-kaz li dina l-Onorabbli tasal biex tilqa t-tieni talba tar-rikorrenti, dina l-Onorabbli Qorti ghanda tirregola access adekwat ghal matul il-perjodu tal-Ghid, vaganzi skolastici matul il-perjodu tas-Sajf, ghaz-zmien tal-Milied u l-Ewwel tas-sena u perjodi ohra matul is-sena;

12. Illi fil-passat l-intimat u l-minuri siefru wahedhom lejn destinazzjoni gewwa l-Ewropa, sahansitra meta darba siefret ir-rikorrenti stess u halliet lil minuri warajha kien ha hsiebu l-intimat, ghalhekk l-intimat ma jistax jifhem ir-

raguni ghat-talba tar-rikorrenti li l-access ghandu jinzamm taht supervizjoni;

13. Illi fir-rigward tar-raba' (4) talba l-intimat jirreferi lil dina l-Onorabbli Qorti ghal ftehim maqbul bejn il-partijiet datat 25 ta' April, 2008 li kopja tieghu qeghda tigi ssa u mmarkata Dok. A u d-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta datat 28 ta' April, 2008 li kopja tieghu qeghda tigi ssa u mmarkata Dok. B li permezz tal-istess ftehim il-partijiet kienu qablu fuq rata mensili ta' sittin ewro (€60) tenut kont il-fatt li l-intimat jippercepixxi biss pensjoni li minnha jhallas ukoll l-ammont ta' €272 fix-xahar lil ex mara tieghu ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni li kopja tieghu qeghda tigi ssa u mmarkata Dok. C u li ghalhekk ir-raba' talba tar-rikorrenti ghanda tigi michuda.

14. Illi l-intimat jitlob sabiex dina l-Onorabbli Qorti tahtar Avukat tat-tfal jew espert li jkun jista jitkellem mal-minuri sabiex jikkonstata r-relazzjoni passata u presenti li l-intimat u l-minuri kellhom u ghandhom, kif ukoll tigi evalwata r-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-minuri u tisma ix-xewqat tal-minuri vis-a-vis il-kuntatt li l-minuri jixtieq li jkollu ma' missieru l-intimat;

15. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

16. L-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha nkorsi mill-intimat kontra r-rikorrenti minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dr. Anna Mallia u Dr. Abigail Critien, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti li ġew ippreżentati;

Rat l-affidavits u d-dokumenti l-oħra esebiti;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta, tat-28 t'April 2008, illi permezz tiegħu il-Qorti laqgħet il-ftehim bejn il-partijiet illi C D iħallas lil Rachel B is-somma ta' sittin Ewro (€60) mensilment, rappreżentanti l-manteniment għall-minuri L , u dana in vista tal-mezzi limitati ta' missier il-minuri[1];

Illi dan id-digriet ġie kkonfermat permezz tad-digriet ta' din il-Qorti iddatat id-19 ta' Diċembru 2016[2];

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Ġunju 2017[3], illi permezz tiegħu fil-waqt illi r-rikorrenti ġiet awtorizzata ssiefer mal-minuri f'dati speċifiċi, ikkonfermat illi l-passaport tal-minuri għandu jiġi miżmum minn Dr. Christine Bellizzi, id-difensur tar-rikorrent;

Rat illi l-partijiet laħqu ftehim dwar il-mertu tal-kawża odjerna u ppreżentaw abbozz tal-istess ftehim, liema ftehim huma ippreżentaw lill-Qorti fit-30 ta' Novembru 2017, permezz ta' nota konġuntiva.

Ikkunsidrat illi l-istess ftehim huwa ta' benefiċċju għall-minuri L D B u jinkorpora l-aspetti kollha legali relattivi għall-kura, kustodja, aċċess u manteniment tiegħu u għaldaqstant il-Qorti qiegħda tapprova l-istess abbozz.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Novembru 2017[4], il-partijiet talbu li l-istess abbozz ikun inkorporat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi fuq ftehim bejn il-partijiet:

[1] Fol. 30
[2] Fol. 122a
[3] Fol. 160
[4] Verbal fol. 179

1. Tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta fir-rikors ġuramentat u konsegwentement tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri L D B f’idejn l-attriċi;

2. Tilqa’ t-tieni talba limitatament, fis-sens illi r-residenza ordinarja tal-minuri L għandha tibqa’ f’Malta sakemm dana jtemm l-iskola sekondarja. Wara li jispiċċa mill-iskola sekondarja f’Malta, ir-rikorrenti qed tiġi awtorizzata sabiex tistabilixxi r-residenza tal-minuri L barra minn Malta;

3. Illi fl-aħjar interess tal-istess minuri, l-aċċess tal-konvenut għall-minuri m’għandux ikun skedat jew mandatarju, u għandu jinżamm aċċess mal-missier biss skont kif ikun irid il-minuri;

4. Tilqa’ r-raba’ talba attriċi billi tikkonferma d-digriet mogħti minn din il-Qorti fit-28 t’April 2008 relattiv għall-manteniment dovut għall-minuri L;

5. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex weħidha tapplika, iġġedded, tiġbor u żżomm passaport f’isem il-minuri L u wkoll sabiex issiefer flimkien mal-minuri L, u wkoll tawtorizza lill-minuri sabiex isiefer minn Malta akkumpanjat minn adult responsabbli, u dan kollu mingħajr il-ħtieġa ta’ ebda awtorizzazzjoni u/jew notifika ulterjuri.

6. Il-konvenut qiegħed jiġi ordnat li joħroġ u/jew jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħruġ tal-kontro-mandat relattiv għall-mandat t’inibizzjoni nnumerat mitejn u erbgħa u sebgħin żbarra erbatax (274/14), b’dan illi l-ispejjeż tal-imsemmi kontro-mandat ikunu pagabbli mill-attriċi.

L-ispejjeż tal-preżenti jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.